



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 13 ta' Settembru 2016
(OR. en)

5367/16

Fajl Interistituzzjonali:
2015/0073 (NLE)

COTRA 2
CDN 2

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija Strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Kanada, min-naħa l-oħra

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/...

ta'...

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni,
u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija Strateġika
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda,
u l-Kanada, min-naħa l-oħra**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(1) u l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 212(1), flimkien mal-Artikolu 218(5) u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 218(8) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mill-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-8 ta' Diċembru 2010 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex jifih negożjati mal-Kanada għal Ftehim Qafas li jieħu post id-Dikjarazzjoni Politika Konġunta dwar ir-relazzjonijiet EU-Kanada tal-1996.
- (2) Meta titqies ir-relazzjoni storikament viċina u r-rabtiet dejjem eqreb bejn il-Partijiet, kif ukoll ix-xewqa tagħhom li jsaħħu u jwessgħu r-relazzjonijiet b'mod ambizzjuż u innovattiv, in-negożjati dwar il-Ftehim ta' Sħubija Strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Kanada, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") ġew konklużi b'suċċess bl-inizjalar tal-Ftehim f'Ottawa fit-8 ta' Settembru 2014.
- (3) L-Artikolu 30 tal-Ftehim jipprevedi l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim qabel ma jidħol fis-seħħ.
- (4) Il-Ftehim għandu jiġi ffirmat fisem l-Unjoni. Il-Ftehim għandu jiġi applikat parzjalment, fuq bażi provviżorja f'konformità mal-Artikolu 30 tiegħu, sa metajitlestew il-proċeduri neċessarji għall-konklużjoni tiegħu.

- (5) L-iffirmar tal-Ftehim f'isem l-Unjoni u l-applikazzjoni provviżorja ta' partijiet tal-Ftehim huma mingħajr preġudizzju għall-allokazzjoni ta' kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha f'konformità mat-Trattati,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-iffirmar f'isem l-Unjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Kanada, min-naħa l-oħra, huwa b'dan approvat, soġġett għall-konklużjoni ta' dak il-Ftehim.
2. It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni*.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jindika l-persuna jew persuni bis-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni.

Artikolu 3

1. Sakemm il-Ftehim jidħol fis-seħħ, f'konformità mal-Artikolu 30 tal-Ftehim u soġġett għan-notifiki previsti fih, il-partijiet segwenti tal-Ftehim għandhom jiġu applikati b'mod provviżorju bejn l-Unjoni u l-Kanada, iżda biss sa fejn dawn ikopru materji li jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni, inkluż materji li jaqgħu fil-kompetenza tal-Unjoni rigward id-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' politika estera u ta' sigurtà komuni:
 - (a) Titolu I: l-Artikolu 1;

* Delegazzjonijiet: araw id-dokument st5368/2/16 REV 2.

- (b) Titolu II: l-Artikolu 2;
- (c) Titolu III: l-Artikolu 4(1), l-Artikolu 5 u l-Artikolu 7(b);
- (d) Titolu IV:
 - l-Artikolu 9, l-Artikoli 10(2), 10(3), 12(4), 12(5) u 12(10), u l-Artikoli 14, 15, 16 u 17;
 - l-Artikoli 12(6), 12(7), 12(8), 12(9) u l-Artikolu 13, sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet huma limitati għall-materji li fir-rigward tagħhom l-Unjoni tkun diġà eżerċitat il-kompetenzi tagħha internament;
- (e) Titolu V: l-Artikolu 23(2);
- (f) Titolu VI: l-Artikoli 26, 27 u 28;
- (g) Titolu VII: l-Artikoli 29, 30, 31, 32, 33 u 34, sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet huma limitati għall-fini li tiġi żgurata l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim.

2. Id-data li minnha l-Ftehim ser jiġi applikat provviżorjament ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data wara dik tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
